PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.10330 — Masdar/Taaleri/KYOTO/Autohellas/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 277/04)

1. Fl-1 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abu Dhabi Future Energy Company PJSC ("Masdar", l-Emirati Għarab Magħquda), li fl-aħħar mill-aħħar hija proprjetà sħiħa ta' Mubadala Investment Company PJSC ("Mubadala", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Taaleri Energia Ltd. ("Taaleri Energia", il-Finlandja), parti mill-Grupp Taaleri (il-Finlandja),

— KYOTO S.A. ("KYOTO", il-Greċja), parti mill-Grupp Constantakopoulos (il-Greċja),

— Autohellas Tourist and Trading Societe Anonyme ("Autohellas", il-Greċja), parti mill-Grupp Vassilakis (il-Greċja),

— L-Impriża Konġunta, impriża konġunta ġdida (il-Greċja).

Masdar, Taaleri Energia, Kyoto u Autohellas jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Asopia Solar Power Plant.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Masdar: kumpanija tal-enerġija rinnovabbli u tas-sostenibbiltà li tippromwovi soluzzjonijiet fis-setturi tal-enerġija, tal-ilma, tal-iżvilupp urban u tat-teknoloġiji nodfa fl-Emirati Għarab Magħquda u madwar id-dinja,

— għal Taaleri Energia: żviluppatur tar-riħ u tax-xemx u maniġer tal-fondi li jinvesti f'parks eoliċi u impjanti solari fuq skala utilitarja,

— għal KYOTO: l-iżvilupp ta' proġetti ta' proprjetà immobbli u tal-enerġija,

— għal Autohellas: kumpanija attiva fis-suq tal-kiri, l-importazzjoni u l-kummerċ tal-karozzi,

— għall-Impriża Konġunta: l-iżvilupp, il-finanzjament, il-kostruzzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tal-proġett ta' Asopia Solar Power Plant fuq bażi fit-tul u affidabbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10330 — Masdar/Taaleri/KYOTO/Autohellas/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË